# NEFQA ŻGĦIRA U FEJDA KBIRA

Is-sinjura Żeż dik is-sena niżlet San Pawl-il-Baħar aktar kmieni minn dari. Kellha magħha lil Rożina, bint ħuha, xbejba donnha blanzun, ħelwa, ħafifa, ferrieħa, li magħha kienet taqbel wisq. Iz-zija kellha îdha daqsxejn magħluqa u kull mita t-tifla kienet tonfoq xi ħabba dejjem twissiha ħaġa waħda : "Ara li ta' flusek tieħu dak li jiswew. Tberbaqx għax ma tafx fiex tiġi". Ix-xbejba kienet tidħak, għax xejn ma kienet tifhimha bħaz-zija dil-biċċa tal-infiq.

Għodwa waħda Rożina niżlet lejn il-blat, ix-Xemxija, fejn kienu joqogħdu, u malli rifset fuq il-ħass li jitrabba ħdejn l-ilma żelqet u ġiet sieqha taħtha. Għajtet għajta għax weġġgħet u ma setgħetx tqum. Inqala' ġuvnott li kien jistad m'hux bogħod minnha u ried iwiżinha biex tqum.

—Ma nistâx—qaltlu—għandi nkun fekkiktha, sieqi.

Ma kinetx bogħod mid-dar u, f'kemm îli ngħid, il-ġuvni refagħha bejn dirgħajh, ħadha d-dar, u telaqha fuq sufan fl-intrata. Ix-xiħa ma kinetx hemm.

—Qallha : "Tridx immur għat-tabib ? "

—"Le;—qaltlu— "inħossni aħjar. Naħseb li lwejt sieqi, ma għandix ħwejjeġ kbar. Dalwaqt tiġi z-zija, grazzi. Ħa, għat-taħbit li ħadt bija". U tatu xelin.

Il-ġuvni daħak, ħares lejn ix-xelin u mbagħad tefgħu f'butu.

Kien ġmiel ta' sabi, twîl, aktarx maħruq bix-xemx, liebes qalziet tal-lanké u qmis kaħlanija, xuxa, sajjied tal-plajja tassew, xagħru mħabbel, imma għajnejh suwed ileqqu, donnu għafrid.

Il-għada fil-għaxija għadda minn ħdejn id-dar, raha fil-bieb weħidha. Resaq kemm kemm, u "Kif int" ?—qallha.

—"Tajba ma għandi xejn—grazzi". Hu kollu mistħi sellem u telaq.

—Ħarġet iz-zija u ratu sejjer. "Min hu dak li sellimlek ?"

—"Dak is-sajjied li ġiebni l-bieraħ minn fuq il-blat, mita uqajt—Refagħni bħal tarbija—Tajtu xelin."

—"Ħalja! xelin għal żewġ passi? — ma ħadtx b'kemm jiswa xelin.—Int ma tibża' xejn għal flusek".

—"Le zi, għax ma stajtx nimxi u ħallastu bil-qalb".

Jumejn wara, Rożina reġgħet niżlet fuq il-blat u s-sajjied kien hemm. Resaq u staqsieha kif għaddiet. Baqgħu jidħaddtu. Qallha li jismu Pawlu, li niesu kienu tat-tajjeb u li hu kien miġnun għas-sajd. Iż-żmien għadda ġmielu; ma baqgħetx lura mill-kliem, tistgħu taħsbu, qaltlu li jisimha Rożina, u kif kien li ġiet San Pawl, għax il-kliem bħaċċirasa. Reġgħu ltaqgħu aktar minn darba. Hu kien jixhi il-ħin li jgħaddi magħha, kien jikolha b'għajnejh u biex iżommha ħdejh kien iħarref fuq sajd, insib, klieb, u x'naf jien, bla ebda ħsieb il-bogħod u la ħażin u anqas tajjeb. Hi nġibdet lejh, għax għad li liebes kif ġie ġie, kien ħelu fi kliemu u kien jaf iġib ruħu. Ma tistħajjilx, nitfa ta' sajjied fuq ix-xatt tal-Pwales!

Saru ħbieb sewwa, ta' żgħażagħ li kienu qalbhom f'idhom bla ħażen u bla ħjiena.

—"Il-lum kif għaddejtha, Pawl?" — "Ħriġt wara l-ikel, inżilt sar-razzett tagħna biex nara l-erħa, kilt erba' tiniet u mbagħad ġejt biex naqbad xi ħuta... u mbagħad... ġejt nara lilek. U int?"

—"Jien imteddejt siegħa, qrajt ftit, ħdimt xi ħaġa, u fl-aħħar ġejt għar-resħa tal-baħar. Għandi xi ngħidlek, bil-ħaqq, iz-zija mħajra tmur il-Belt għall-festi u toqgħod xi ġimgħa. Int ma tasalx wasla sal-Belt?"

Pawlu tħanfes. "Min jaf x'nagħmel? Jien ukoll għandi ħsieb ohxon f'rasi".

—"Sejjer xi sajda fil-bogħod, jaqaw? Ara li ma tkorrix".

—"Sajda kbira, Roż. Itlob li naqbad. Ħuta ħoxna għandi quddiemi".

Rożina daħket u qamet biex tmur. "Jiena, mita niġu biex immorru, ingħarrfek".

Fl-aħħar ta' dik il-ġimgħa Rożina kienet tħît fuq, iz-zija kienet għadha nieżla, imbiddla biex toħroġ fil-bieb. Daħlet it-tifla li kellhom magħhom b'ġirja u qalet: "Sinjura, waqfet karrozza tan-nar u ġew sinjur u sinjura jridu jkellmuk.

—"Min inqala' dal-ħin? għidilhom igħaddu".

Daħlu. Is-sinjur ħxajjen, qasir, libsa griża, kappel tarross, polka tad-deheb minn but għal ieħor tas-sidrija, bastun

bil-qabda tad-deheb. Is-sinjura fuq tagħha, xagħara mqasqas la moda, kappell iswed bil-ganza tad-deheb, subgħajha jleqqu b'ħafna ħwietem.

—"Ara l-barunissa! għajtet is-sinjura Żeż—X'minnkom? Kif ħsibtu fina? Merħba bikom".

Kagħdu.—"Nistħi ngħid, sinjura Żeż, qal il-baruni, li îli ma narak mill-mewt tal-imħallef. Dejjem biex niġu u ma naslu qatt".

—"Hekk hu, qalet il-barunissa. Issa ħaġa u issa oħra u dejjem jinqala'. Taf kif jiġri, sa-Żeż? Dil-ħabta qegħdin il-Wardija. Qatt ma taqta' x'ġiebna l-lum.

—"Hena tiegħi dejjem jekk nista' nagħmel xi ġid"...

—"Il-lum tista' — qal il-baruni, tista' tgħinna b'nofs kelma; ħalli tgħidlek Nina x'ġara".

—"Sa-Żeż, kliem ftit u niftehmu aħjar. Għandek miegħek lil bint ħuk. Pawlu tagħna raha u donnu blieh għal warajha. Tilef rasu. Ma jrid jaf b'xejn. Dejjem il-hawn għal taparsi jistad u malli jiġi d-dar ma jsemmix ħlief il-Rożina—Hux Rożina jisimha?"

—"Iva Rożina. U dan fejn raha? mita? qatt ma titqanqal minn ma' ġenbi dit-tifla. Din biċċa wkoll!"

—"Aħna m'hux dan ġejna naraw. It-tfal iltaqgħu, dan żgur, u milli nara mħajrin għal xulxin sewwa. Kif saret il-ftira ma nafx u ma rridx naf. Aħna ġejna biex naraw tridx li Rożina tiżżewweġ għandna.

—"Irridx, sur Manwel? Bl-art u l-baħar jekk inhu kif għeddtli int. Ħalli nsejjaħ lil Rożina, għax hi tħoll u torbot. Min kien jobsor?"

Rożina daħlet fil-kamra u kollha mistħija selmet liż-żewġ sinjuri.

—"Brava," qal is-sur Manwel—"x'warda għandek Sa-Żeż. Kemm kibret; nafha kemm kemm telqet timxi".

—"Roż, taf għax ġew das-sinjuri l-lum?"

—"Sa Żeż, qal il-baruni, m'hux int għandek ittiha l-bxara. Rożina mur barra, jekk jogħġbok, u hemm it-tifel qiegħed mal-motor u għidlu jiġi sa hawn".

Rożina ma setgħetx taqbad art. X'riedu minnha das-sinjuri? xi bxara kellhom jagħtuha? Ħarset lejn iz-zija biex tara taqbadx xi ħaġa minnha. Xejn, iz-zija kienet imbergħna. Ħarġet ħdejn il-motor sabet ġuvnott donnu xammiema, liebes

is-seta-kruda, xagħru mimxut bil-ferq la ġenba, imma għajnejh, dawc il-għajnejn tafhom... iva... lè. Pawlu resaq bilħlewwa—"Ma għaraftnix ?" saqsieha.

—"Int dħakt bija"—qalet Rożina bid-dmugħ f'għajnejha.

—"Dħakt bik lè, ma għedtlekx is-sewwa qallha, jista' jkun. Jien Pawlu tal-bieraħ, tal-lum u ta' għada. Tiftakarx mita tajtni xelin biex tħallasni talli ġibtek id-dar ? Ara ġibtulek lura, biex ma tgħidx li int ħallastni, għax jien insielek m'hux int." Ħareġ mill-but kaxxa żgħira u fetaħha quddiemha.

Fuq il-ħarir iswed kien hemm xelin imdawwar bil-ġawhar b'sinsla tad-deheb irqiqa ħierġa minnu.—"Din", qallha—"biex iġġibha f'għonqok u hekk tiftakar dejjem fl-ewwel darba li rajna 'l xulxin. Issa ommi u missieri ġew biex jitolbuk tkun il-għarusa tiegħi. Imxi għax q'ed jistennewna".

Daħlu id-f'id b'għajnejhom baxxi. Kullħadd qam u feraħ bihom, kliem xejn għax il-koll qalbhom kienet mimlija u biex jiftiehmu ma kienx jinħtieġ kliem. Wara ftit il-motor telaq għall-Wardija bi tlieta min-nies ħienja.

Malli ħarġu, Rożina xteħtet f'ħoġor zijitha u nfexxet f'bikja. Mita d-dmugħ serraħha, urietha dak li taha l-għarus. "Tiftakarx"– qaltilha—mita qbadt tlumni għax tajt xelin lil dak li ġiebni d-dar mita waqajt ? Ġie lura hu u x-xelin blimgħax. Naħseb li issa rajt li dak ix-xelin kien minfuq sewwa u ġiebli kemm jiswa"

—"Qatt ma nfaqt xelin aħjar minn dak", qalet iz-zija—jalla kull mita tonfoq flusek iġibulek dal-imgħax. Ir-risq u il-barka, binti. Bdejt tajjeb. Alla jżomm idejh fuqek."

T. Z.